**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 334/2019 AGV**
AB **(ID Nru: 431670M)**
**Vs**
**CB ( ID nru: 476663M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB (ID nru: 431670M) tas- 16 ta' Lulju 2019, fejn ppermetta u pprezenta is-segwenti;

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit- 8 ta' Dicembru 1997, Dokument A. U minn daz-zwieg huma ma kellhomx tfal ;
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr. Clinton Bellizzi fid- 19 ta' Awwissu 2013 Dok B.

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-seperazzjomi taghhom irregolaw, *intera alia*, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin ( Klawsola Numru 2).
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
5. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi artiklu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni,  mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti  titlob bir-rispett, illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja is-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-artikolu 66 C tal-Kap. 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-isemmmi artikolu 66B, tippronunzja l-hall taz-zwieg kif mahsub fl-imsemmi artikolu 66 C. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' CB datata 24 ta' Settembru 2019, fejn tesponi;

Illi dak premess mir-rikorrent fir-rikors promutur minn 1 sa 3 huwa minnu;
Illi b' refernza ghat-talba tar-rikorent sabiex tigi ppronunzjata d-divorzju bejn il-partijiet, l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;
Illi l-esponenti tirrileva pero' li hi qatt ma kellha l-intenzjoni sabiex tipprocedi b' dawn il-proceduri u ghalhekk tissotometti li ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**